# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 24 ta' Settembru, 2020**

**Numru 5**

**Rikors Numru 1138/12TA**

**Kerstin Manicolo (536888M)**

**vs**

**Etienne Vella (513180M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf preżentat fis-16 ta' Novembru 2012 u maħluf mill-Attur Kerstin Manicolo fil-15 ta' Novembru 2012 li permezz tiegħu premetta u talab is-segwenti:-

"1. Illi huwa kien jiġġestixxi l-ħanut bl-isem ta' 'Busy Buys' li jinsab f'452, Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara li kien jikri flimkien ma' ħuh Kurt Pace mingħand Maria Theresa Psaila (is-Sid) liema ħanut kien joperah għall-iskop tal-bejgħ ta' pastizzi u ħwejjeġ relatati.

2. Illi r-Rikorrent fid-durata tal-kirja tiegħu għamel spejjeż konsiderevoli sabiex jarma l-ħanut b'dak kollu neċessarju.

3. Illi nhar it-18 ta' April 2012 ir-Rikorrent u ħuh Kurt Pace flimkien mas-sid (Maria Theresa Psaila) u l-Intimat dehru fuq ftehim privat fejn Kerstin Manicolo u Kurt Pace ikkonċedew lill-intimat Etienne Vella il-kirja tal-imsemmi ħanut skont il-kundizzjonijiet miftehma fl-istess ftehim (Dok. 'A').

4. Illi fl-istess ftehim fi klawzola numru 4 ġie stipulat illi l-Intimat kellu jiddepożita s-somma ekwivalenti għal sitt xhur kera, mal-Avukat Martin Fenech bħala garanzija favur is-Sid, liema somma li tammonta għal sitt elef tmien mija u tmenin Euro u seba' ċenteżmi (Eur 6,880.07) effettivament tħallset mir-Rikorrent u l-Intimat kien obbliga ruħu verbalment mar-Rikorrent li jħallas lura lilu din is-somma quddiem l-istess Avukat Dottor Martin Fenech.

5. Illi din is-somma fl-ammont ta' sitt elef tmien mija u tmenin Euro u seba' ċenteżmi (Eur 6,880.07) hija depożitata f'kont bankarju tal-Avukat Martin Fenech.

6. Illi dakinhar stess quddiem l-Avukat Martin Fenech ġie ffirmat ftehim privat ieħor (Dok. 'B') bejn ir-Rikorrent u l-Intimat fejn l-Intimat obbliga ruħu li jħallas lir-Rikorrent is-somma ta' ħmistax-il elf Euro (Eur15,000) rappreżentanti l-bejgħ ta' mobbli u *goodwill*, liema ħlas kellu jsir sa erba' xhur mill-imsemmija data.

7. Illi minkejja li l-Intimat ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas permezz ta' ittra legali datata 27 ta' Ġunju 2012 (Dok. 'C'), Ittra Uffiċjali datata 30 ta' Lulju 2012 (Dok. 'D') u oħra datata 11 ta' Settembru 2012 (Dok. 'E') huwa baqa' inadempjenti.

8. Illi għalhekk l-Intimat huwa debitur tar-Rikorrent fl-ammont komplessiv ta' wieħed u għoxrin elf tmien mija u tmenin Euro u seba' ċenteżmi (Eur 21,880.07).

9. Illi għalhekk huwa ma kellux triq oħra għajr li jipproċedi bil-preżenti kawża.

Għaldaqstant ir-Rikorrent umilment jitlob li fid-dawl tas-suespost din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi r-Rikorrent Kerstin Manicolo huwa kreditur tal-Intimat fl-ammont ta' ħmistax-il elf Euro abbażi tal-ftehim privat datat 18 t'April 2012 li sar bejn il-kontendenti f'din il-kawża.

2. Tiddikjara illi r-rikorent ħallas ukoll f'isem l-intimt b'titlu ta' self is-somma ta' sitt elef tmien mija u tmenin Euro u seba' centeżmi (Eur6,880.07) bħala garanzija a favur ta' Maria Theresa Psaila u li għalhekk ir-Rikorrent huwa wkoll kreditur tal-Intimat f'dan l-ammont ukoll.

3. Tordna lill-Intimat iħallas lir-rikorrent is-somma komplessiva ta' wieħed u għoxrin elf tmien mija u tmenin Euro u seba' ċenteżmi (Eur21,880.07) fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-Ittri Uffiċjali datati 30 ta' Lulju u 11 ta' Settembru 2012 u bl-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv."

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut Etienne Vella preżentata u maħlufa minnu fit-8 ta' Frar 2013 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

"Illi l-azzjoni odjerna hija frivola u vessatorja u dan stante li l-esponenti m'għandu jagħti xejn lir-rikorrenti u dan kif se jiġi spjegat aħjar hawn isfel kif ukoll kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;

Ill l-ammont kumplessiv li l-esponenti kellu jagħti lir-rikorrenti, kif jemani mill-ftehim milħuq fit-tmintax (18) ta' April 2012 għar-rigward tal-ħmistax-il elf Ewro (€15,000) bħala bejgħ ta' mobbli u *goodwill* kif ukoll mill-ftehim milħuq fl-istess data għar-rigward tas-sitt elef, tmien mija u tmenin Ewro u seba' ċenteżmi (€6,880.07) bħala garanzija a favur tas-sidien, huwa ta' wieħed u għoxrin elf, tmien mija u tmenin Ewro u seba ċenteżmi (€21,880.07);

Illi l-esponenti dakinhar stess tal-ftehim imsemmija, u ċioe fit-tmintax (18) ta' April 2012, kien għadda lir-rikorrenti *cheque* maħruġ fuq il-Banif Bank, nru 481241 fl-ammont ta' tnejn u għoxrin elf, ħames mija u sittin Euro (€22,560) lill-istess rikorrenti rappreżentanti s-somma ta' wieħed u għoxrin elf, tmien mija u tmenin Ewro u seba' ċenteżmi (€21,880.07) a saldu ta' l-obbligazzjonijiet msemmija kif uoll is-somma ta' sitt mija u disa u sebgħin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€679.93) rappreżentanti spejjeż varji bħal *credit* elettriku u ammonti oħra, liema *cheque* qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat Dok "EV1";

Illi r-rikorrenti effettivament iffirma dan ic-cheque fuq il-parti ta' wara u sarraf dan l-istess *cheque* l-għada li ngħatalu u ċioe' fid-dsatax (19) ta' April 2012 mill-*Branch* tal-Banif Bank ġewwa San Ġwann kif jirriżulta ampjament mit-timbru tal-istess Bank kif inhu indikat f'Dok "EV1" hawn anness;

Illi minkejja li fil-5 ta' Lulju 2012, l-esponenti kien irrisponda għall-ittra tar-rikorrenti datata s-27 ta' Ġunju 2012 fejn fiha irrespinġa t-talbiet kollha tar-rikorrenti abbażi ta' pagament, liema ittra hija hawn annessa u mmarkata Dok "EV2", l-istess rikorrenti kompla jivvanta l-pretensjoni tiegħu u dan purament biss sabiex jivvessa ill-istess esponenti;

Illi b'hekk għandu jirriżulta illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati sija fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Salv eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Lulju 2020 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** L-Attur, kien jiġġestixxi ħanut bl-isem ta' 'Busy Buys' fil-fond numru 452, Triq Fleur De-Lys, Birkirkara. L-Attur kien akkwista dan il-fond flimkien ma ħuh fis-sena 2011 b'titolu ta' kera mingħand is-sid, ċerta Theresa Psaila (ara affidavit Kurt Pace a' fol 16, affidavit attur a' fol 17 faċċata 2 u xhieda Av. Martin Fenech a' fol 28).

**2.** Permezz ta' skrittura privata datata 18 ta' April 2012 (a' fol 3 faċċata 2) il-kirja ta' dan il-fond ġiet akkwistata mill-konvenut bil-kunsens tal-Attur u ħuh li kienu wkoll firmatarji f'din l-iskrittura.

**3.** Permezz ta' skrittura privata oħra datata wkoll 18 t'April 2012 (a' fol 4 faċċata 2), l-Attur Kirsten Manicolo assenja u trasferixxa lill-konvenut l-avvjament tal-ħanut imsemmi bl-isem ta' Busy Buys għall-prezz ta' ħmistax-il elf Ewro (€15,000). F'din l-iskrittura s-somma ta' €15,000 titħallas fi żmien 4 xhur u kienet tirrapresenta valur ta' *"mobbli u l-goodwill".*

**4.** L-Attur daħal jaħdem mal-konvenut bħala impjegat xi ġimgħatejn wara d-data ta' dawn l-iskritturi. L-Attur għoġbu jtemm dan l-impjieg xi ftit ġimgħat wara (ara affidavit attur a fol 18 para 18, xhieda attur a' fol 38 faċċata 2 u fol 40 u xhieda konvenut a' fol 48).

**5.** Wara diversi interpellazzjonijiet, kemm bonarji u anke b'ittri uffiċjali, li permezz tagħhom l-Attur talab inutilment mingħand il-konvenut l-ammonti riklamati, kellha ssir din il-Kawza.

**6.** Ai fini ta' kompletezza jingħad li l-konvenut sussegwentement trasferixxa wkoll l-inkwilinat tal-fond imsemmi favur terzi (ara xhieda konvenut a' fol 49).

**Punti ta' Liġi**

**7.** Permezz ta' din l-azzjoni, l-Attur qed jippretendi mingħand il-konvenut il-ħlas tal-prezz ta' għoddod u avvjament tal-ħanut dikjarat fit-tieni skrittura privata tat-18 ta' April 2012 (a' fol 4 faċċata 2), jiġifieri l-ammont ta' €15,000.

**8.** L-Attur qiegħed jippretendi wkoll mingħand il-konvenut is-somma ta' €6,880.07. Din is-somma tirrappreżenta sitt xhur kera li, skont il-klawżola 4 tal-ewwel skrittura privata tat-18 ta' April 2012 (a' fol 3), il-konvenut kellu jiddepożita mal-Avukat Dr. Martin Fenech, qua l-avukat tas-sid Maria Theresa Psaila, bħala garanzija favur l-istess sid.

**9.** Fil-veritá ġie miftiehem verbalment li dan l-ammont kellu jingħata mill-konvenut lill-Attur. Dan sabiex l-Attur ma jiżbankax il-garanzija mħallsa oriġinarjament mill-awtur tal-Attur a' favur is-sid meta ġie akkwistat għall-ewwel darba l-inkwilinat tal-fond u b'hekk ma jintilfux l-interessi. Din il-proċedura ġiet ukoll adoperata mill-Attur meta akkwista flimkien ma ħuh l-inkwilinat tal-fond fis-sena 2011 (ara xhieda Dr. Martin Fenech a' fol 28 faċċata 2, affidavit Kurt Pace paragrafu 6 a' fol 16, affidavit Kerstin Manicolo paragrafu 13 a' fol 18 u xhieda attur a' fol 36 u 37).

**10.** Qabel ma istitwixxa din l-azzjoni l-Attur kien intima lill-konvenut għar-riżarċiment ta' dan il-kreditu reklamat permezz ta' ittra bonarja datata 27 ta' Ġunju 2012 (a' fol 5), ittra uffiċjali preżentata fit-30 ta' Lulju 2012 (a' fol 5 faċċata 2) u ittra uffiċjali abbażi tal-artikolu 166A preżentata fil-11 ta' Settembru 2012 (a' fol 6). L-intimat wieġeb għal din l-aħħar ittra uffiċjali permezz ta' nota a' tenur tas-sub-inċiż 3 tal-istess artikolu 116A (ara fol 8 faċċata 2).

**11.** Fi ftit kliem l-azzjoni li qed jeżercita l-Attur hija dik prospettat minn artikoli tal-Kodici Ċivili u cioe':

992: *(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi. Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi.*

u

993: *Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.*

**12.** Di piu' l-artikolu 959 tal-Kodiċi Ċivili, jiddisponi li l-kuntratti jistabilixxu fost oħrajn l-obbligazzjonijiet bejn il-partijiet. F'dan il-każ il-pretensjoni tal-Attur li jitħallas l-ammont li qed ikun mitlub.

**13.** Pero' apparti dawn il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali, hemm oħrajn dwar il-fattispecie li jippresenta l-każ odjern, li ser ikunu trattati fil-kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet**

**14.** Il-konvenut laqgħa għal din l-azzjoni billi ċaħad li għandu jħallas l-ammont pretiż. Dan fuq ir-raġuni li l-ammont ta' €21,880.07 reklamat mill-Attur ġie saldat meta għadda ċekk lill-Attur fl-ammont ta' €22,560 (a' fol 13). Dan iċ-ċekk iġib l-istess data li fiha ġew iffirmati l-iskritturi privati imsemmija, jiġifieri it-18 ta' April 2012, u jirriżulta li ġie msarraf l-għada mill-Attur (ara xhieda Christine Farrugia, rappreżentant tal-Banif Bank, a' fol 23, ara affidavit attur para 17 a' fol 18).

**15.** L-Attur u l-konvenut taw żewġ verżjonijiet kunfliġġenti rigwardanti dan iċ-ċekk.

**16.** Fix-xhieda tiegħu l-konvenut jgħid li ċ-ċekk għaddieh lill-Attur wara li ffirmaw l-iskritturi privati, preċiżament meta reġgħu iltaqgħu sabiex jiċċelebraw flimkien dan in-negozju li għamlu bejniethom. Il-konvenut jgħid li huwa ddeċida hekk iħallas lil-Attur wara ripensament li kellu matul dak il-ftit ħin li għadda min meta ffirma l-iskrittura privata sakemm iltaqgħu biex jiċċelebraw:

"*Filgħaxija iltqajna u jiena sadanitant, sakemm iltqajt miegħu, ħsibtha, għidt jiena aħjar neħles, għax dan ġej jaħdem miegħi u jiena ma rridx l-impjegat, jiena l-imgħallem midjun ma impjegat u qbadt u tgħajtu cheque, tgħajtu xi 22,500, fejn jippreżenta il-15,000 euro r-rigal tal-ħanut, 6,000 u xi 700 jew 800 garanzija bankarja u kien hemm xi 670 jew 700 l huma dawl, li semmejtlek l-ewwel u xi stock fil-ħanut*" (ara xhieda a' fol 47)

**17.** Min-naħa l-oħra l-Attur jgħid li dan iċ-ċekk ingħata lilu mill-konvenut qabel ma ġew iffirmati l-iskritturi. L-Attur jgħid li s-somma imħallsa lilu permezz ta' dan iċ-ċekk tkopri l-ammont ta' €20,000 bħala parti mill-prezz ta' €35,000 li kien ġie fil-fatt miftiehem verbalment għall-avvjament tal-ħanut u €1,600 kera li l-Attur kien laħaq ħallas bil-quddiem. Huwa jgħid li l-ammont ta' €15,000 dikjarat fit-tieni skrittura privata fil-veritá jirrappreżenta bilanċ mill-prezz li fil-fatt ġie miftiehem bil-fomm bejn l-Attur

u l-konvenut għall-avvjament tal-ħanut, jiġifieri dak ta' €35,000 (ara affidavit para 8 et seq a' fol 18 u xhieda attur a' fol 36 faċċata 2). Fi kliem l-Attur, il-prezz reali ta' €35,000 għall-avvjament tal-ħanut ma ġiex dikjarat fit-tieni skrittura privata "*għaliex Vella ma riedx li s-sid tkun taf kemm ħa jtini bħala rigal, għax beża li jekk tkun taf li kien ser iħallasni daqshekk, hija kienet ser tgħollilu l-kera meta jien kont għamilt kull sforz biex tħallilu l-istess ammont ta' kera li kelli jien.*" (affidavit para 15 a' fol 18; ara wkoll xhieda attur a' fol 39).

**18.** F'dan ir-rigward tajjeb ukoll li issir referenza għax-xhieda tal-konvenut. Dan isostni li dawn il-€15,000 tħallsu għall-makkinarju u joqgħod lura milli jsemmi l-goodwill ossia l-avvjament. Fil-fatt fix-xhieda tiegħu fis-seduta tal-20 ta' Frar 2014 jispjega li dan l-ammont ħallsu *"Bhala rigal tal-makkinarju li kien hemm, kien hemm qiesu 4 bicciet għodda, li jiswew dawn it-tip ta' flus, qed tifhimni"* (ara a' fol 45).

**19.** Addirittura bħal donnu li qatt ħallsu xi flejjes għall-goodwill ossia avvjament. Jixhed hekk:

"Le somma waħda, somma waħdan li ried hu għall-għodda li kien hemm, għax dan għodda kien hemm, bħal speċi ma fthemniex li l-ħanut jew qalli li l-ħanut għandu xi potenzjal ta' xi bejgħ. Dan ħanut żgħir kien hemm dawn l-għodda li semmejna, meta qalli fuq ir-rigal jien ma qagħdtx naħsibha jew hekk. Jien għodda bħalha għandi, jien bejn wieħed u ieħor x'ħin qalli li jrid ta' l-għodda jien naf kif imorru l-affarijiet" (a' fol 58 u tergo).

**20.** F'dan il-kuntest il-Qorti ma tistax ma tinnotax dak li fil-fatt tniżżel fl-iskrittura li saret bejn il-partijiet. Fiha hemm ċar imniżżel li *"Il-koncedent qieghed ibiegh il-mobbli* ***u l-goodwill*** *lil-inkwilin bil-prezz ta' hmistax-il elf euros (euros 15,00) liema ammont ghandu jithallas sa erbgha(4) xhur mill-lum."* (Emfażi tal-Qorti a' fol 7). Fil-fehma ta' din il-Qorti l-insistenza tal-konvenut li qatt ma ħallas jew kellu jħallas għall-avvjament ossia "goodwill" ma tidhirx li hija avvalata mill-provi.

**21.** Kif ġie ritenut mill-**Qorti tal-Appell fis-sentenza John Patrick Hayman et vs Fal-Con Limited datata 30 ta' Lulju 2010**, "*Dak li jirrizulta minn kuntratt pubbliku huwa prova tal-kontenut tieghu, pero`, fil-gurisprudenza hija permissibbli prova contra scriptum biex jigi muri li hemm zball fil-kuntratt, jew biex juri li dak li jinsab registrat fl-att ma jirrispekkjax ezatt dak li sehh fil-verita`. Gia` fil-kawza Mercieca v. Pace deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Dicembru 1947, kien intqal li: "Il-principju 'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur' jibqa' jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm zball fil-kuntratt, jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali: f'dawn il-kazijiet il-principji bazati fuq il-gustizzja u l-ekwita` ghandhom ikunu supremi." (ara wkoll Vassallo v. Portelli deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-27 ta' Frar 2008).*"

**22.** Ġie ulterjorment ritenut li *"Il-kazijiet li fihom, skond il-gurisprudenza nostrana, jistghu jigi ammessi provi orali kontra l-prova miktuba, huma "meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti li*

*tkun espressa b' mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli ma' l-att" jew "biex jigu delucidati punti oskuri ta' kitba jew f' kazi ta' impunjazzjoni ta' dik il-kitba, izda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga' car." L-imsemmi Onorabbli Qorti osservat ukoll li "Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom ghandu jigi prezunt li dak li riedu jifthemu fuqu nizzluh f' dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f'dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin iffissru jew jiccaraw il-klawsoli principali.*" (**Anthony Fenech noe vs Mark Cini et**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 21 ta' Jannar 2005**).

**23.** Sabiex tiddeċiedi skont il-prinċipji bbażati fuq il-ġustizzja u l-ekwitá u tkun f'qagħda li tiddetermina jekk l-iskritturi in kwistjoni jirrispekkjawx eżatt dak li seħħ fil-veritá jew jekk fihom tħallix barra xi patt għal xi raġuni speċjali fis-sens insenjat fis-sentenzi appena ċitati, din il-Qorti trid l-ewwel tistabbilixxi liema miż-żewġ verżjonijiet konfliġġenti hi dik l-aktar verosimili. Il-Qorti trid tagħmel dan billi tqis u tgħarbel sew il-provi kontrastanti skont il-kejl tal-bilanċ tal-probabilitajiet. Il-**Qorti tal-Appell fis-sentenza Maria Speranza Buttiġieġ illum Buġeja et vs Cutajar JS (Holdings) Limited datata 25 ta' Ġunju 2019** tat rassenja sħiħa tal-ġurisprudenza nostrali dwar din il-materja bil-mod kif ġej:

"*fis-sentenza taghha tal-**24 ta` Marzu 2004 fil-kawza ' Xuereb vs Gauci et' il-Qorti tal-Appell Inferjuri** qalet hekk –*

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*
*"1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*
*"2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur" …*

*"Tal-istess portata kienet id-decizjoni ta` din il-**Qorti (PA/TM) tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "Bugeja vs Meilak" fejn inghad hekk –*** **App. Ċiv. 269/06**

*"Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li -*
*"il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

*"Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia" – "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo". "(ara wkoll – "**Ciantar vs Curmi noe" – PA/PS – deciza fit-28 ta` April 2003 u "Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta vs Difesa" - PA/PS - deciza fit-28 ta' Mejju 2003**).*

*"Meta gudikant jigi biex iqis il-kumpless tal-provi li jitressqu ghall-konsiderazzjoni tieghu sabiex fuq **dawk** il-provi jaghti decizjoni, il-kriterju rilevanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**"Borg vs Bartolo" – Appell Inferjuri – 25 ta` Gunju 1980**). Hekk meqjusa dawk il-provi, il-grad rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel **certezza morali** fil-mohh tal-gudikant li tkun*

*indotta minn preponderanza ta' provi fuq bilanc ta` probabilitajiet (**"Caruana vs Laurenti" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; "Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; "Vassallo vs Pace" – Vol.LXX.II.144 u "Zammit vs Petrococchino" – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952**). Meta mbaghad tkun qeghda tintalab ir-rexxissjoni ta` att pubbliku, kif qieghed isir fil-kaz tal-lum, il-massima tad-dritt probatorju li min jallega jrid jipprova, tehtieg li tigi osservata fir-rigorosita` taghha. **("Tabone vs Tabone" - Qorti tal-Appell - 9 ta` Jannar 2009).**"* (ara wkoll dak ravviżat in rassenja legali mill-**Qorti Ċivili Prim' Awla fil-kawża Carmel Parnis et vs FRAD Limited et datata 27 ta' Settembru 2017).**

**24.** Il-Qorti, wara li applikat għall-fattispeċje ta' din il-kawża l-prinċipji legali mnissla mill-ġurisprudenza fuq ċitata u eżaminat bir-reqqa il-verżjonijiet tal-Attur u l-konvenut kif korraborati mix-xhieda ta' ħu l-Attur Kurt Pace u l-avukat Martin Fenech, issib li x-xhieda tal-Attur hija l-iktar kredibbli. Dan għas-segwenti raġunijiet:

1. L-ammont pretiż mill-Attur huwa inqas mill-ammont mħallas lilu mil-konvenut biċ-ċekk in kwistjoni. Bil-verżjoni tal-konvenut, dan il-fatt iwassal għal konklużjoni li l-konvenut offra min jeddu li jħallas lill-Attur ammont addizzjonali ta' €679.93 għal benefiċċji li l-Attur ma kienx qed ifittex il-ħlas tagħhom. Hija bil-wisq improbabbli li l-konvenut aġixxa b'daqstant tjubija u ġenerositá fil-konfront tal-konvenut;

2. Il-verżjoni tal-Attur hija korraborata bix-xhieda ta' ħuh Kurt Pace meta qal li huwa insista li jara ċ-ċekk qabel ma ffirma l-iskrittura u li ma kienx sejjer jiffirma xejn li kieku ħuh ma wrijulux (ara affidavit para 6 a' fol 16). Huwa minnu li meta xehed minn jeddu l-Attur fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2013, dan ġie kontro-eżaminat dwar ix-xhieda minnu mogħtija. Iżda minn naħa l-oħra, il-fatt li l-konvenut għażel li ma jerġax iressqu u kif ukoll lil ħuh għal kontro-eżami fuq dak mtenni minnhom fl-affidavit, isaħħaħ ferm l-affidabilitá fil-verżjoni tal-istess Attur u ħuh. Il-*puncto temporis* ta' meta għadda c-cheque huwa ta' importanza għall-evalwazzjoni tax-xhieda u żgur li l-kontro ezami tal-imsemmi Kurt Pace kellha importanza biex il-konvenut jikkorabora l-verżjoni tiegħu ta' kif ġraw l-affarijiet.

3. Il-fatt prinċipali li xpruna l-konvenut sabiex skontu jbiddel fhemtu wara li ffirma l-iskritturi, kien dak li l-Attur kien se jaħdem bħala impjegat miegħu u li għalhekk ma ridx li hu bħala l-imgħallem tiegħu ikun midjun miegħu, kien diġa jaf bih min qabel ma ffirma l-istess skritturi privati (ara kontro-eżami tal-konvenut a' fol 53 faċċata 2). Ladarba kien jaf minn qabel, il-konvenut ma kienx jgħaddi biex jiffirma t-tieni skrittura privata li kieku verament ma riedx ikun midjun mal-Attur minħabba din ir-relazzjoni ta' mpjegat u prinċipal, biex imbagħad ibiddel kompletament fhemtu f'temp ta' ftit siegħat. Huwa kien jgħaddi minflok għall-ħlas effettiv mal-ewwel. F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-Attur fin-nota tiegħu (ara a' fol 65).

4. Il-verżjoni tal-konvenut rigward il-garanzija bankarja mogħtija minnu in subizzjoni ma hijiex ċara u konsistenti u hija wkoll in kontradizzjoni ma dak li qal l-avukat Martin Fenech (a' fol 30 u 56): Il-konvenut qal li r-rappreżentant legali tiegħu kellem lill-Avukat Fenech u nfurmah li l-flus tal-garanzija ma setax jiġborhom minħabba li l-ewwel kellu jsib lil min iċedi l-inkwilinat tal-fond (fol 56). Wara li ġie puntwalizzat lilu li l-inkwilinat tal-fond ġie fil-fatt trasferit lil terzi, il-konvenut jgħid li dawn it-terzi għamlu garanzija bankarja ġdida. Wara li ġie mistoqsi jekk allura s-sid għandhiex żewġ garanziji bankarji favur tagħha il-konvenut irrisponda b'mod evażiv. Il-konvenut jgħid ukoll li r-rappreżentant legali tiegħu qallu li kellem lill-avukat Fenech fejn dan infurmah li l-flus depożitati fil-kont bħala garanzija ma hu se jgħaddihom lil ħadd sakemm tinqata' din il-kawża (fol 57). Din l-aħħar verżjoni ġiet konfermata mill-Attur meta stqarr li l-avukat Fenech qallu l-istess ħaġa (ara fol 38).

**25.** L-Avukat Fenech minn naħa tiegħu ma jagħmel ebda aċċenn għal xi taħdita f'dan is-sens mal-partijiet jew rappreżentant legali tagħhom, lanqas meta kien qed jiġi kontro-eżaminat fuq il-garanzija nnifisha. L-Avukat Fenech dejjem sostna wkoll fuq garanzija bankarja waħda u li din il-garanzija illum il-ġurnata qed tinżamm f'isem l-aħħar inkwilin, jiġifieri f'isem it-terz li akkwista l-inkwilinat tal-fond mingħand il-konvenut:

"**Dr. Leonard Caruana:** *Sewwa. Illum il-ġurnata dawk il-flus f'isem min qed iżżomhom?*

**Xhud:** *Jien strettament, f'isem l-aħħar inkwilin jiġifieri.*"

**26.** Il-Qorti tifhem li bejn it-terz u l-konvenut sar l-istess arranġament bil-fomm li kien sar bejnu u l-Attur u l-awtur tal-Attur, bil-għan li ma tiġix żbankata l-garanzija oriġinali u b'hekk jiġu salvagwardjati l-interessi. Il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn fil-konfront tat-terz setgħet tiġi adoperata xi proċedura differenti rigwardanti l-garanzija li għalkemm tissejjaħ bankarja għax qegħdha miżmuma f'kont tal-avukat Martin Fenech, fir-rejalta' hija waħda kontrattwali għaliex ebda Bank ma hemm javallaha. Isegwi li l-konvenut diġa rċieva mingħand it-terz is-somma rappreżentanti l-garanzija.

**27.** Mir-riżultanzi proċesswali hekk senjalati l-Qorti tasal għall-konvinċiment morali li s-somma ta' €15,000 dikjarata fit-tieni skrittura privata fil-fatt tirrapreżenta l-bilanċ tal-prezz ta' €35,000 miftiehem bil-fomm bejn l-Attur u l-konvenut oltre l-istess skrittura, liema bilanċ għadu ma tħallasx mill-konvenut. Isegwi li din it-tieni skrittura privata hija biss aċċessorju u parallel għal dan il-ftehim prinċipali li sar bil-fomm. Ġie ritenut li "*l-universitas ta' dak li jkkonprendi l-avvjamet huwa kkonsidrat fil-ġurisprudenza tagħna ta' natura mobiljari u mhux immoblijari u għalhekk l-Artikolu 1233(e) tal-Kodiċi Ċivili ma jsibx l-applikazjoni tiegħu għall-każ odjern*" (**Alphonse Maria Vella et vs Carmelo sive Charles Mallia**, **Qorti tal-Appell, 20 ta' Frar 2001**). Għaldaqstant ma hemmx obbligu li bejgħ ta' avvjament isir bil-forma iskritta. Dan ifisser li l-ftehim prinċipali imsemmi

huwa validu u jinkwadra ruħu f'waħda mid-derogi għal prinċipju *'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur'* u għalhekk huwa ammissibbli bħala prova orali kontra l-prova miktuba.

**28.** Bl-istess mod huma permissibbli l-provi testimonjali contra scriptum u inkontestati li bihom ġie muri l-arranġament verbali li bih l-ammont rappreżentanti garanzija favur is-sid kellu jingħata mill-konvenut lill-Attur għal raġunijiet ġia msemmija. Dan sabiex juri li dak li jinsab reġistrat fil-klawżola 4 tal-ewwel skrittura privata ma jirrispekkjax eżatt dak li seħħ fil-veritá.

**29.** Il-Qorti iżda tqis li l-Attur ma seħħlux jipprova sal-grad rikjest mil-liġi li l-konvenut naqas milli jħallas l-ammont ta' €6,889.07 bħala garanzija favur is-sid skont kif hekk kien miftiehem. Fix-xhieda tiegħu a' fol 29 (faċċata 2) l-Avukat Martin Fenech wieġeb fl-affermattiv meta mistoqsi jekk rax xi flus jgħaddu mingħand l-intimat għal ghand l-Attur, għalkemm ma kienx jaf l-ammont u għalxiex kienu jirrigwardaw. Il-konvenut fix-xhieda tiegħu semma wkoll li huwa għadda ammont kontanti lill-Attur għalkemm fl-ammont ta' madwar €2,000 (ara xhieda fol 46). Skont il-konvenut dan l-ammont suppost kopra xahrejn u nofs kera ġia mħallsa mill-Attur. Iżda huwa dubjuż kemm fil-fatt huwa dan il-każ meta jitqies li skont l-Attur, l-ammont ta' din il-kera suppost ġia kienet tħallset biċ-ċekk mogħti lill-Attur mill-konvenut (ara affidavit para 8 et seq a' fol 18 u xhieda attur a' fol 36 faċċata 2).

**30.** L-Attur baqa' sieket u ma semma xejn, la fl-affidavit u lanqas fix-xhieda tiegħu, rigward flus kontanti li setgħu għaddew lilu mingħand il-konvenut u għalxiex. Lanqas ma pproduċa bħala xhud is-Sid tal-fond li setgħet toffri informazzjoni fuq il-flus li setgħu għaddew jew ma għaddewx quddiemha mill-konvenut lill-Attur. Jidher ukoll li l-Attur ma bediex jeżiġi mill-ewwel għal ħlas tal-flus rappreżentanti l-garanzija. Dan tant li fl-ewwel ittra legali bonarja datata 27 ta' Ġunju 2012 mibgħuta mill-avukat Martin Fenech, l-Attur intima lill-konvenut għall-ħlas tal-€15,000 biss (ara ittra a' fol 5).

**31.** Għalhekk fid-dawl ta' dak li jistabilixxu l-artikoli tal-Kodici Civili fuq imsemmija, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma fondati biss limitatament għat-talba ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000).

**32.** Minkejja li si tratta ta' obbligazzjoni kummercjali fiċ-ċirkostanzi l-imgħaxijiet ser ikunu qegħdin jingħataw mill-11 ta' Settembru 2012 u ċioe' mid-data tal-ittra ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta (a' fol 8).

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

**Tiċħad** għalhekk l-eċċezzjonijiet tal-konvenut salv għal dik il-parti tat-tieni eċċezzjoni, referibilment għall-ammont ta' sitt elef tmien mija u tmenin Ewro (€6,880).

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara illi l-Attur Kerstin Manicolo huwa kreditur tal-konvenut fl-ammont ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) abbażi tal-ftehim privat datat 18 t'April 2012 li sar bejn il-kontendenti f'din il-kawża.

**Tiċħad it-tieni talba attriċi**.

**Tilqa' limitatament it-tielet talba attriċi** u tordna lill-konvenut iħallas lill-Attur is-somma ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) bl-imgħaxijiet legali mill-11 ta' Settembru 2012 sal-pagament effettiv.

**Tiċħad** għalhekk l-eċċezzjonijiet tal-konvenut salv għal dik il-parti tat-tieni eċċezzjoni referibilment għall-ammont ta' sitt elef tmien mija u tmenin (€6,880).

**L-Ispejjeż** tal-Kawża jitħallsu, kwantu għal sebgħa minn għaxar parti ($^{7}/_{10}$) mill-konvenut u kwantu għal tlieta minn għaxar parti ($^{3}/_{10}$) mill-Attur.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**